MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Numru 48/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Gerardo Jose` Ruiz Pena**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 48 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Gerardo Jose` Ruiz Pena li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-ewwel kap tal-att tal-Akkuza:

Illi fil-25 ta' Settembru 2009 ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar (2:30pm), l-akkuzat Gerardo Jose Ruiz Pena gie Malta permezz ta' titjira ta' l-AirMalta KM 353 minn Dusseldorf flimkien ma Laura Suarez Cabezudo. It-tnejn li huma gew imwaqqfa mill-pulizija assistiti minn ufficjali tad-dwana u wara li saru testijiet

medici fl-isptar Mater Dei irrizulta li go l-istonku tieghu, l-akkuzat Gerardo Jose Ruiz Pena kien qieghed igorr id-droga.

Illi gewwa l-isptar, l-akkuzat ghadda lil pulizija tlieta u tmenin (83) kapsola mimlija trab kannella. Dan it-trab gie annalizat minn espert imqabbad mill-Qorti u ikkonferma s-suspetti tal-pulizija li dan it-trab kien droga heroina ta' piz net ta' 799.44gramma ta' purita medja ta' 47.1%. Il-prezz bl-imnut ta' din il-droga perikoluza jammonta ghal circa ta' €36, 774.

Illi l-akkuzat Gerardo Jose Ruiz Pena ammetta mal-pulizija li xi jiem qabel id-data hawn fuq citata, xjentement assocja ruhu ma persuna ohra barra minn Malta u ikkumbina l-mezzi tieghu ma ta' dawn il-persuna sabiex b'hekk ikun jista' jibda imexxi u jimporta illegalment id-droga f'Malta.

Illi fil-fatt l-akkuzat Gerardo Jose Ruiz Pena ftiehem ma dawn il-persuni sabiex jiehdu hsieb l-itinerarju tal-vjagg tieghu mill-Venezuela ghal-Brussell. F'Brussell iltaqa ma persuna ohra li haditu go residenza f'Dusseldorf fil-Germanja fejn hemm hekk din il-persuna ghalmitu jibla il-kapsoli.

Illi gie miftiehem ukoll li l-akkuzat kellu isib persuna ohra li kienet lesta takkompanjah fil-vjagg tieghu lejn Malta u ghal dan il-ghan l-akkuzat kien heggeg habiba tieghu Laura Suandes li accettat.
Illi gie miftiehem li jixtru l-biljett ta' l-arju minn Dusseldorf sabiex jigu Malta u eventwalment l-akkuzat kellu ukoll jirrisjedi temporanjament fil Hotel Dolmen sabiex hemm hekk jikkonsenja ammont ta` droga heroina lil terza persuna sabiex din tigi mibjugha u ittraffikata gewwa Malta.

Illi in esekuzzjoni ta` dan il-pjan mahsub minn qabel, fil-25 ta' Settembru 2009 ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar (2:30pm), l-akkuzat Gerardo Jose Ruiz Pena gie Malta permezz ta' titjira ta' l-AirMalta Km 353 u f`gismu kellu tlieta u tmenin (83) kapsola mimlija heroina.

Ta’ din il-bicca xoghol illegalli l-akkuzat kien ser ippacci flus li kellu jaghti lil fornaturi tad-droga pero fortunatament din il-kunsinna kbira ta’ droga heroina giet maqbuda mill-Pulizija mal-wasla taghha Malta gewwa l-ajruport ta’ Malta.

Illi id-droga heroina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Gerardo Jose Ruiz Pena sar hati talli assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromowova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq msemmi akkuza lill-imsemmi Gerardo Jose Ruiz Pena hati talli assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’dawn il-Gzejjer (heroina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli ohra tal-persuni hekk misjuba hatjin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta’ Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-tieni kap tal-att tal-Akkuza:

Illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u cioe’ fil-25 ta’ Settembru 2009 ghal-habta tas-satejn u nofs ta’ wara nofs in-nhar (2:30pm), l-akkuzat Gerardo Jose Ruiz Pena gie Malta permezz ta’ titjira ta’ l-AirMalta KM 353 minn Dusseldorf. Illi f’istonku tieghu huwa kellu mohbija d-droga li wara li saru it-testijiet medici mehtiega u sahansitra ittiehed x-ray fl-isptar Mater Dei gie ikkonfermat li Gerardo Jose Ruiz Pena kien qieghed igorr tlieta u tmenin (83) kapsola mimlija trab kannella.

Dan it-trab gie annalizat minn espert imqabbad mill-Qorti u irrizulta li dan it-trab kien droga heroina ta’ piz net ta’ 799.44gramma ta’ purita` medja ta’ 47.1%. Il-prezz bl-imnut ta’ din il-droga perikoluza jammonta ghal circa ta’ €36, 774.

Illi d-droga heroina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Gerardo Jose Ruiz Pena sar hati talli importa jew esporta jew gieghel li tigi importata jew esportata, jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi importata jew esportata medicina perikoluza (heroina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Gerardo Jose Ruiz Pena, hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi importata medicina perikoluza (heroina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u

illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), fil-regolament 9(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta’ Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-tielet kap tal-att tal-Akkuza:
Illi fiz-zmien u cirkostanzi ndikati fl-ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza u cioe` fil-25 ta’ Settembru 2009 ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta’ wara nofs in-nhar (2:30pm), l-akkuzat Gerardo Jose Ruiz Pena gie Malta permezz ta’ titjira ta’ l-AirMalta Km 353 minn Dusseldorf u fil-pussess tieghu kellu droga heroina ta’ piz net ta’ 799.44gramma ta’ purita medja ta’ 47.1%. Il-prezz bl-imnut ta’ din il-droga perikoluza jammonta ghal circa ta’ €36, 774. Din id-droga heroina kienet mohbija fl-istonku tieghu.

Illi d-droga heroina hija droga specifikata fl-ewwel skeda mal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi Gerardo Jose Ruiz Pena ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza msemmija u ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta’ Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu.

Illi b'ghemilu, l-imsemmija Gerardo Jose Ruiz Pena sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Gerardo Jose Ruiz Pena hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kien bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu izda mhux izjed minn mija u sittax –il elf erba' mija u disgha u sittin euro u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1), 15, 20, 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola

9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikioluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Gerardo Jose` Ruiz Pena pprezentat fil-21 ta’ Marzu, 2012 fejn iddikjaraw li qed jaqblu ai termini tal-arikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti li fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqhu ghanda tkun wahda ta’ prigunerija ghal-perjodu ta’ ghaxar (10) snin flimkien ma multa ta’ tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ htija ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli tal-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Gerardo Jose` Ruiz Pena ħati talli :

1. fil-25 ta’ Settembru, 2009 ghall-habta tas-2.30 p.m. assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’dawn il-Gzejjer (heroina) kontra d-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. fil-25 ta’ Settembru, 2009 ghall-habta tas-2.30 p.m. importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga

sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (heroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. fil-25 ta' Settembru, 2009 ghall-habta tas-2.30 p.m. kellu fil-pussess tieghu d-droga heroina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tas-sena 1939 (Kap.101) u meta ma kien bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan li r-reat kien wiehed taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Ikkonsidrat;

Qieset illi r-reat taħt it-tielet Kap tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huwa assorbit fl-ewwel u t-tieni kapi tal-Att ta' l-Akkuza, stante li servew bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess r-reat in kwistjoni a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002], **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn).

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, u b' mod

partikolari f' dan il-kaz il-kwantita' ta' droga involuta fir-reati ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba huma tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija tieghu w peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz, jidher li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 14(1), 15, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regoli 4(a) u 9(a) tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-hati**, Gerardo Jose` Ruiz Pena** ghall-piena komplessiva ta' ghaxar **(10)** snin prigunerija flimkien ma multa ta' tlieta w ghoxrin elf Euro **(€23,000)**, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' elf, mitejn u wiehed euros u ghaxar centezmi **(€1201.10),** rapprezentanti l-isp ejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qorti u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti,

li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------